SEDE CIVILI

MAGISTRAT: DR. DENNIS MONTEBELLO B.A., LL.D.

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 12 T'OTTUBRU 2001

Avviz numru 291/01DM

Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited

Vs

Steven Bellia

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma ta' erbgha mija u ghaxar liri Maltin (Lm410.00) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata lilu.

Bl-imghaxijiet sad-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effetiv u bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat msejjah tlett darbiet la deher biex jikkontesta it-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-llum biex jirrispondi ghad-domanda in subizzjoni.

Ghaldaqstant l-Qorti ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qieghda ghalhekk tilqa` it-talba attrici u qieghda tikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lil atturi s-somma mitluba ta' erbgha mija u ghaxar liri Maltin (Lm410.00) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mil-14 t'April tas-sena 2001 u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Mag Dr. Dennis Montebello LL.D.

S. Farrugia
Dep Reg